# ĦAJR

Lill-Professuri P. P. Saydon u Ġ. Aquilina.

*Ma nafx kif ridt nitkixxef ġewwa l-oqsma*
*Ta' siġar żgħar mgħobbija bi frott bnin*
*Li kieku intom ma kontux il-mirja*
*Bil-ħidma tagħkom, tul ta' ħafna snin.*

*Il-ħajra kont inħossha mindu ċkejken,*
*Il-ħajra tfawwar ġewwa qalbi w ruħi,*
*'Mma kieku ma kenitx il-qawwa tagħkom*
*Il-kewkba tiddi kienet tgħib fi tlugħi.*

*Għax intom żewġt ixmux fil-qasam Malti.*
*Fil-Qasam Malti tal-Letteratura,*
*Mingħajrkom qatt ma konna nistgħu ngħidu*
*Li ż-żmien ġejjien aħjar minn dak ta' lura.*

*Iddu, la taqtgħu qatt, O xmux Maltija,*
*Oforqu d-dlamijiet u l-ħotob f'ġensna:*
*Fil-kewkba mgħażba minn ta' żmenijietna*
*Intom it-tarka tagħna, intom wensna.*

P. P. Theuma.